



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10154/18
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0250 (COD)

JAI 656
FRONT 176
ENFOPOL 325
CADREFIN 115
IA 212
CT 114
CODEC 1083

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Ġunju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 472 final FV2
Suġġett:	ANNESSI tar- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 472 final FV2.

Mehmuż: COM(2018) 472 final FV2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2018
COM(2018) 472 final

ANNEXES 1 to 8

ANNESSI

tar-

**Proposta għal
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna**

{SWD(2018) 347 final} - {SWD(2018) 348 final} - {SEC(2018) 315 final}

ANNESS I

Kriterji għall-allokazzjoni tal-fondi għall-programmi b'ġestjoni kondiviża

Il-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 10 se jiġi allokati għall-programmi tal-Istati Membri kif ġej:

- (1) ammont fiss ta' darba ta' EUR 5 000 000 se jiġi allokati għal kull Stat Membru fil-bidu tal-perjodu ta' programmar sabiex tiġi żgurata massa kritika għal kull programm u sabiex jittkoprew ħtiġijiet li ma jkunux direttament espressi permezz tal-kriterji indikati hawn taħt;
- (2) ir-riżorsi li baqa' se jitqassmu skont il-kriterji li ġejjin:
 - (a) 45 % fi proporzjon invers għall-prodott domestiku gross tagħhom (l-istandard tal-kapaċità tal-akkwist għal kull abitant),
 - (b) 40 % fi proporzjon għad-daqs tal-popolazzjoni tagħhom,
 - (c) 15 % fi proporzjon għad-daqs tat-territorju tagħhom.

L-allokazzjoni inizjali għandha tkun ibbażata fuq l-aħħar *data* statistika annwali, prodotta mill-Kummissjoni (Eurostat), li tkopri s-sena kalendarja preċedenti. Għar-rieżami ta' nofs it-terminu, iċ-ċifri ta' referenza għandhom ikunu l-aħħar *data* statistika annwali prodotta mill-Kummissjoni (Eurostat) li tkopri s-sena kalendarja preċedenti disponibbli fi żmien ir-rieżami ta' nofs it-terminu fl-2024.

ANNEX II

Miżuri ta' implimentazzjoni

Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-oġġettiv speċifiku stipulat fl-Artikolu 3(2)(a) billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:

- (a) biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-*acquis* tal-Unjoni dwar is-sigurtà li tappoġġa l-iskambju tal-informazzjoni, pereżempju permezz ta' Prüm, il-PNR tal-UE u l-SIS II, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet minn mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità u ta' evalwazzjoni bħalma huma l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen u mekkaniżmi oħra ta' kontroll tal-kwalità u ta' evalwazzjoni;
- (b) biex jiġu stabbiliti, adattati, u jinżammu n-networks ta' komunikazzjoni u s-sistemi tal-IT tal-Unjoni rilevanti, inkluż l-interoperabbiltà tagħhom, u sabiex tiġi żviluppata l-ġhodka xierqa sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati;
- (c) biex jiżdied l-użu attiv ta' għodod għall-iskambju tal-informazzjoni, ta' sistemi u ta' bażijiet tad-*data* rilevanti għas-sigurtà tal-Unjoni billi jiġi żgurat li f'dawn tiddaħħal *data* ta' kwalità għolja;
- (d) biex jiġu appoġġati miżuri nazzjonali jekk ikunu rilevanti għall-implimentazzjoni ta' oġġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2)(a).

Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-oġġettiv speċifiku stipulat fl-Artikolu 3(2)(b) billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:

- (a) biex jiżdiedu l-operazzjonijiet ta' infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri, inkluż meta jkun xieraq, ma' atturi rilevanti oħra, b'mod partikolari sabiex jiffaċilitaw u jtejjbu l-użu ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti, rondi konġunti, insewiment, sorveljanza diskreta u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni operattiva oħra fil-kuntest ta' Ċiklu ta' Politika tal-UE (EMPACT), b'enfasi speċjali fuq operazzjonijiet transfruntiera;
- (b) biex tiżdied il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi u ta' awtoritajiet kompetenti oħra fl-Istati Membri u bejn l-Istati Membri, u ma' atturi rilevanti oħra, pereżempju permezz ta' networks ta' unitajiet nazzjonali speċjalizzati, networks u strutturi ta' kooperazzjoni tal-Unjoni, ċentri tal-Unjoni;
- (c) biex tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, u fil-livell ta' Unjoni bejn l-Istati Membri, jew bejn l-Istati Membri, minn naħa waħda, u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni min-naħa l-oħra, kif ukoll fil-livell nazzjonali fost l-awtoritajiet nazzjonali f'kull Stat Membru.

Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-oġġettiv speċifiku stipulat fl-Artikolu 3(2)(c) billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:

- (a) biex jiżdied it-taħriġ għall-infurzar tal-liġi, l-eżerċizzji, it-tagħlim reċiproku, il-programmi ta' skambju speċjalizzati u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki f'pajjiżi terzi u magħhom kif ukoll ma' atturi rilevanti oħra;
- (b) biex jiġu sfruttati s-sinerġiji billi jiġu akkomunati r-riżorsi u l-għarfien bejn l-Istati Membri u atturi rilevanti oħra, inkluża s-soċjetà ċivili permezz ta', pereżempju, il-ħolqien ta' ċentri konġunti ta' eċċellenza, l-iżvilupp ta'

valutazzjonijiet tar-riskju konġunti, jew ċentri ta' appoġġ operazzjonali komuni għal operazzjonijiet mmexxija b'mod konġunt;

- (c) biex jiġu promossi u żviluppati miżuri, salvagwardji, mekkaniżmi u l-aħjar prattiki għall-identifikazzjoni bikrija, il-protezzjoni u l-appoġġ għal xhieda, informaturi u vittmi tal-kriminalità, u biex jiġu żviluppati sħubijiet bejn l-awtoritajiet pubbliċi u atturi rilevanti oħra għal dan l-għan;
- (d) biex jiġi akkwistat tagħmir u biex jiġu stabbiliti jew imtejba faċilitajiet ta' taħriġ speċjalizzati u infrastruttura għas-sigurtà essenzjali rilevanti oħra sabiex jiżdiedu t-tħejjija, ir-reżiljenza, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u r-rispons adegwat għat-theddida għas-sigurtà.

ANNEX III

Azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 4

- Sistemi tal-IT u networks li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, taħriġ dwar l-użu ta' dawn is-sistemi, l-ittestjar u t-titjib tal-interoperabbiltà u l-kwalità tad-*data* ta' dawn is-sistemi;
- il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-oġġettivi ta' politika tal-Unjoni fl-Istati Membri fil-qasam tas-sistemi għas-sigurtà tal-informazzjoni;
- azzjonijiet tal-EMPACT li jimplimentaw jew li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE;
- azzjonijiet li jappoġġaw rispons effettiv u koordinat għall-kriżi li jgħaqqdu flimkien il-kapaċitajiet eżistenti speċifiċi għas-settur, ċentri ta' kompetenza u ċentri għall-għarfien tas-sitwazzjoni, inklużi dawk għas-saħħa, il-protezzjoni ċivili u t-terroriżmu;
- azzjonijiet li jiżviluppaw metodi innovattivi jew li jużaw teknoloġiji ġodda li għandhom il-potenzjal ta' trasferibbiltà lejn Stati Membri oħra, speċjalment proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw l-eżitu ta' proġetti ta' riċerka dwar is-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni;
- l-appoġġ għal networks tematiċi jew transtematiċi ta' unitajiet nazzjonali speċjalizzati sabiex titjieb il-fiduċja reċiproka, l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-għarfien espert, l-informazzjoni, l-esperjenza u l-aħjar prattiki, l-akkomunament tar-riżorsi u l-għarfien espert f'ċentri konġunti ta' eċċellenza;
- l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persunal u esperti rilevanti dwar l-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-aġenziji amministrattivi, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet operattivi u l-analiżi tar-riskju, abbażi tal-LETS u f'kooperazzjoni mas-CEPOL u, meta applikabbli, man-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju;
- kooperazzjoni mas-settur privat sabiex tinbena l-fiduċja u jitjiebu l-koordinazzjoni, l-ippjanar ta' kontinġenza u l-iskambju u t-tixrid ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki fost l-atturi pubbliċi u privati inkluż fil-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi u tal-infrastruttura kritika;
- azzjonijiet li jsaħħu l-pożizzjoni tal-komunitajiet biex jiżviluppaw approċċi lokali u politiki ta' prevenzjoni, u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' komunikazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku iġġenerali dwar il-politiki ta' sigurtà tal-Unjoni;
- tagħmir, mezzi ta' trasport, sistemi ta' komunikazzjoni u faċilitajiet essenzjali rilevanti għas-sigurtà;
- l-ispejjeż tal-persunal involut f'azzjonijiet li huma appoġġati mill-Fond jew azzjonijiet li jenħtieġu l-involvement ta' persunal għal raġunijiet tekniċi jew relatati mas-sigurtà.

ANNESS IV

Azzjonijiet eliġibbli għal kofinanzjament ogħla f'konformità mal-Artikoli 11(2) u 12(6)

- Proġetti li għandhom l-għan li jipprevjenu u jiġġieldu r-radikalizzazzjoni.
- Proġetti li għandhom l-għan li jtejbu l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT u tan-networks ta' komunikazzjoni¹.

¹ F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar sistemi ta' informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-fruntieri u s-sigurtà COM(2016) 205.

ANNEX V

Indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin msemija fl-Artikolu 24(1)

Objettiv Speċifiku 1: Skambju aħjar ta' informazzjoni

- (1) L-użu ta' mekkaniżmi tal-UE għall-iskambju tal-informazzjoni.

sors tad-data: l-Europol, UE-LISA, il-Kunsill, l-Istati Membri

Objettiv Speċifiku 2: Kooperazzjoni operattiva akbar

- (1) Għadd ta' azzjonijiet operattivi konġunti appoġġati mill-Fond.

sors tad-data: l-Europol, l-Eurojust, l-Istati Membri

- (2) Il-valur stmat ta' beni ffriżati, il-valur stmat ta' beni kkonfiskati bl-għajjnuna tal-Fond.

sors tad-data: l-Istati Membri

- (3) Il-valur tas-sekwestri tad-droga illeċita miksub bl-involviment tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi.

sors tad-data: l-Istati Membri, il-benefiċjarji tal-għotjiet ta' azzjoni tal-Unjoni

- (4) L-għadd ta' Rakkomandazzjonijiet ta' Evalwazzjoni ta' Schengen b'implikazzjoni finanzjarja fil-qasam tas-sigurtà indirizzati bl-appoġġ tal-Fond, meta mqabbel mal-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet b'implikazzjoni finanzjarja fil-qasam tas-sigurtà.

sors tad-data: l-Istati Membri

Objettiv Speċifiku 3: It-tisħiħ tal-kapaċitajiet sabiex tiġi miġġielda u pprevenuta l-kriminalità

- (5) L-għadd ta' uffiċjali għall-infurzar tal-liġi li lestew it-taħriġ, l-eżerċizzji, t-tagħlim reċiproku jew il-programmi ta' skambju speċjalizzati dwar suġġetti relatati ma' aspetti transfruntiera mogħtija bl-appoġġ tal-Fond.

sors tad-data: l-Istati Membri

- (6) F'għadd ta' infrastrutturi kritiċi u ta' spazji pubbliċi l-protezzjoni kontra inċidenti relatati mas-sigurtà tjiebu bl-għajjnuna tal-Fond.

sors tad-data: l-Istati Membri

- (7) Għadd ta' inizjattivi biex tiġi evitata r-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti.

sors tad-data: RAN

ANNEX VI

Tipi ta' intervent

TABELLA 1: IL-KODIĊIJET GĦAD-DIMENSJONI TAL-QASAM TAL-INTERVENT

1	TER-Ġlieda kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu
2	TER-Prevention u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni
3	TER-Protection u r-reżiljenza tal-ispazji pubbliċi u miri faċli oħra
4	TER- Protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika
5	TER-Materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjuattivi u nukleari
6	TER-Splussivi
7	TER-Immaniġġar ta' kriżijiet
8	TER-Oħra
9	OC-Korruzzjoni
10	OC-Kriminalità finanzjarja u ekonomika
11	OC-Droga
12	OC-Traffikar ta' armi tan-nar
13	OC-Traffikar tal-bnedmin
14	OC-Faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali
15	OC-Reati ambjentali
16	OC-Kriminalità organizzata kontra l-proprjetà
17	OC-Oħra
18	CC-Ċiberkriminalità - Oħra
19	CC-Ċiberkriminalità - Prevenzjoni
20	CC-Ċiberkriminalità - L-iffaċilitar tal-investigazzjonijiet
21	CC-Ċiberkriminalità - Assistenza għall-vittmi
22	CC-Sfruttament sesswali tat-tfal - Prevenzjoni
23	CC-Sfruttament sesswali tat-tfal - L-iffaċilitar tal-investigazzjonijiet
24	CC-Sfruttament sesswali tat-tfal - Assistenza għall-vittmi
25	CC-Sfruttament sesswali tat-tfal - Oħra
26	CC-Oħra
27	GEN-Skambju tal-informazzjoni
28	GEN-Kooperazzjoni tal-pulizija jew bejn l-aġenziji (id-dwana, l-uffiċjali tal-fruntieri, is-servizzi tal-intelligence)

29	GEN-Forensika
30	GEN-Appoġġ għall-vittmi
31	GEN-Appoġġ operazzjonali
32	TA-Assistenza teknika - informazzjoni u komunikazzjoni
33	TA-Assistenza teknika - preparazzjoni, implimentazzjoni, monitoraġġ u kontroll
34	TA-Assistenza teknika - evalwazzjoni u studju, għir tad- <i>data</i>
35	TA-Assistenza teknika - tisħiħ tal-kapaċitajiet

TABELLA 2: IL-KODIĊIJET GĦAT-TIP TA' DIMENSIJONI TAL-AZZJONI

1	Sistemi tal-IT, l-interoperabbiltà, il-kwalità tad- <i>data</i> , is-sistemi ta' komunikazzjoni (eskluz it-tagħmir)
2	Networks, ċentri ta' eċċellenza, strutturi ta' kooperazzjoni, azzjonijiet konġunti u operazzjonijiet
3	Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunti (Joint Investigation Teams, JITs) jew operazzjonijiet konġunti oħrajn
4	L-issekondar jew l-istazzjonar ta' esperti
5	Taħriġ
6	L-iskambju tal-aħjar prattiki, sessjonijiet ta' ħidma, konferenzi, attivitajiet, kampanji ta' sensibilizzazzjoni, attivitajiet ta' komunikazzjoni
7	Studji, proġetti pilota, valutazzjonijiet tar-riskju
8	Tagħmir (inkluż fil-kalkolu tal-limitu massimu ta' 15 %)
9	Mezzi tat-trasport (inkluż fil-kalkolu tal-limitu massimu ta' 15 %)
10	Bini, faċilitajiet (inkluż fil-kalkolu tal-limitu massimu ta' 15 %)
11	L-użu jew segwitu ieħor ta' proġetti ta' riċerka

TABELLA 3: IL-KODIĊIJET GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIMENSIJONI TAL-MODALITAJET

1	Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi
2	Azzjonijiet f' pajjiżi terzi
3	L-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet ta' evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija
4	Azzjonijiet Speċifiċi (mhux magħrufa fl-istadju tal-programmar)
5	Assistenza ta' emerġenza (mhux magħrufa fl-istadju tal-ipprogrammar)
6	L-azzjonijiet elenkati fl-Anness IV

ANNESS VII

Azzjonijiet eliġibbli għall-appoġġ operazzjonali

Fl-oġġettiv speċifiku għal *skambju aħjar tal-informazzjoni*, l-appoġġ operazzjonali fil-programmi għandu jkopri:

- il-manutenzjoni u l-helpdesk tal-Unjoni u fejn rilevanti tas-sistemi tal-IT nazzjonali li jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament.
- l-ispejjeż tal-persunal sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament

Fl-oġġettiv speċifiku għal *aktar kooperazzjoni operattiva*, l-appoġġ operazzjonali fil-programmi nazzjonali għandu jkopri:

- il-manutenzjoni tat-tagħmir tekniku jew il-mezzi tat-trasport użati għal azzjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' kriminalità serja u organizzata b'dimensjoni transfruntiera.
- l-ispejjeż tal-persunal sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament

Fl-oġġettiv speċifiku għat-*tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità*, l-appoġġ operazzjonali fil-programmi nazzjonali għandu jkopri:

- il-manutenzjoni tat-tagħmir tekniku jew il-mezzi tat-trasport użati għal azzjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' kriminalità serja u organizzata b'dimensjoni transfruntiera.
- l-ispejjeż tal-persunal sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament

Azzjonijiet li mhumiex eliġibbli skont l-Artikolu 4(3) ma għandhomx ikunu koperti.

ANNEX VIII

Indikaturi tal-outputs u tar-riżultati msemija fl-Artikolu 24(3)

Objettiv Speċifiku 1: Skambju aħjar ta' informazzjoni

- (1) L-użu ta' mekkaniżmi tal-UE għall-iskambju tal-informazzjoni mkejla permezz ta':
- (a) l-għadd ta' tfittxijiet fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) II;
 - (b) l-għadd ta' tfittxijiet fis-sistema ta' skambju transnazzjonali ta' *data* forensika (DNA, marki tas-swaba', pjanċi tal-vetturi) bejn l-Istati Membri (is-sistema awtomatizzata tal-iskambju tad-*data* ta' Prüm);
 - (c) l-għadd ta' messaġġi skambjati permezz tal-Applikazzjoni tan-Network għall-Iskambju Sikur tal-Informazzjoni (Secure Information Exchange Network Application, SIENA) tal-Europol;
 - (d) l-għadd ta' tfittxijiet li jitwettqu fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (Europol's Information System, EIS);
 - (e) l-għadd totali ta' passiġġieri li d-*data* tagħhom fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (Passenger Name Record, PNR) tal-UE ġiet miġbura u skambjata;
- sors tad-data: l-Europol, UE-LISA, il-Kunsill, l-Istati Membri*
- (2) L-għadd ta' konnessjonijiet ġodda bejn il-bażijiet tad-*data* rilevanti għas-sigurtà mwettqa bl-appoġġ tal-Fond:
- (a) mal-UE u fejn rilevanti ma' bażijiet tad-*data* internazzjonali;
 - (b) fl-Istat Membru;
 - (c) ma' Stat Membru ieħor jew aktar;
 - (d) ma' pajjiż terz ieħor jew aktar.
- sors tad-data: l-Istati Membri*
- (3) L-għadd ta' utenti attivi li jużaw għodod, sistemi u bażijiet tad-*data* tal-UE u fejn rilevanti nazzjonali, għall-iskambju tal-informazzjoni, miżjuda bl-appoġġ tal-Fond, meta mqabbel mal-għadd totali tal-utenti.
- sors tad-data: l-Istati Membri*

Objettiv Speċifiku 2: Kooperazzjoni operattiva akbar

- (4) Għadd ta' azzjonijiet operattivi konġunti appoġġati mill-Fond, inklużi l-Istati Membri u l-awtoritajiet parteċipanti, u kklassifikati skont iż-żona (il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata - ġenerali, il-kriminalità organizzata - tal-armi tan-nar, iċ-ċiberkriminalità, oħra):
- (a) l-għadd ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti (joint investigation teams, JITs);
 - (b) l-għadd ta' proġetti operattivi tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddied Kriminali (European Multidisciplinary Platform against Criminal Threats, EMPACT);
 - (c) azzjonijiet operattivi konġunti oħra.
- sors tad-data: l-Europol, l-Eurojust, l-Istati Membri*

- (5) Parteċipazzjoni f' networks transnazzjonali li joperaw bl-appoġ tal-Fond.
sors tad-data: l-Istati Membri, il-benefiċjarji tal-ġhotjiet ta' azzjoni tal-Unjoni jew tal-EMAS
- (6) Il-valur stmat ta' beni ffriżati, il-valur stmat ta' beni kkonfiskati bl-ġhajjnuna tal-Fond.
sors tad-data: l-Istati Membri
- (7) Il-valur tas-sekwestri tad-droga illeċita miksub bl-involviment tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi.
sors tad-data: l-Istati Membri, il-benefiċjarji tal-ġhotjiet ta' azzjoni tal-Unjoni
- (8) L-ġhadd ta' outputs ta' networks transnazzjonali eżistenti ġġenerati bl-ġhajjnuna tal-Fond, bħal pereżempju manwali dwar l-aħjar prattiki, sessjonijiet ta' ħidma, eżerċizzji komuni.
sors tad-data: il-benefiċjarji tal-ġhotjiet ta' azzjoni tal-Unjoni
- (9) L-ġhadd ta' Rakkomandazzjonijiet ta' Evalwazzjoni ta' Schengen b'implikazzjoni finanzjarja fil-qasam tas-sigurtà indirizzati bl-appoġ tal-Fond, meta mqabbel mal-ġhadd totali ta' rakkomandazzjonijiet b'implikazzjoni finanzjarja fil-qasam tas-sigurtà.
sors tad-data: l-Istati Membri

Objettiv Speċifiku 3: It-tisħiħ tal-kapaċitajiet sabiex tiġi miġġielda u pprevenuta l-kriminalità

- (10) L-ġhadd ta' uffiċjali għall-infurzar tal-liġi li lestew it-taħriġ, l-eżerċizzji, it-tagħlim reċiproku jew il-programmi ta' skambju speċjalizzati dwar suġġetti relatati ma' aspetti transfruntiera mogħtija bl-appoġ tal-Fond, ikklassifikati skont dawn l-oqsma:
- (a) il-ġlieda kontra t-terroriżmu;
 - (b) il-kriminalità organizzata;
 - (c) iċ-ċiberkriminalità;
 - (d) oqsma oħra ta' kooperazzjoni operattiva.
- sors tad-data: l-Istati Membri*
- (11) L-ġhadd ta' manwali dwar l-aħjar prattiki u tekniki ta' investigazzjoni, proċeduri operattivi standard u ġhodod oħra żviluppatti bl-appoġ tal-Fond bħala riżultat ta' interazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet differenti fl-UE.
sors tad-data: l-Istati Membri, il-benefiċjarji tal-ġhotjiet ta' azzjoni tal-Unjoni jew tal-EMAS
- (12) L-ġhadd ta' vittmi tal-kriminalità meġġjuna bl-appoġ tal-Fond, ikklassifikati skont it-tip ta' reat (it-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali, it-terroriżmu, il-kriminalità serja u organizzata, iċ-ċiberkriminalità, l-isfruttament sesswali tat-tfal).
sors tad-data: l-Istati Membri
- (13) F'ġhadd ta' infrastrutturi kritiċi u ta' spazji pubbliċi l-protezzjoni kontra inċidenti relatati mas-sigurtà tjiebu bl-ġhajjnuna tal-Fond.

sors tad-data: l-Istati Membri

- (14) Għadd ta' inizjattivi biex tiġi evitata r-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti:
- (a) l-għadd ta' hits fuq is-sit web tan-*Network ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (Radicalisation Awareness Network, RAN)*;
 - (b) l-għadd ta' parteċipanti fl-*RAN* ikklassifikati skont it-tip ta' espert;
 - (c) l-għadd ta' żjarat ta' studju, taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma u konsulenza li tlestew fi Stati Membri f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtoritajiet nazzjonali ikklassifikati skont il-benefiċjarji (l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, oħra).

sors tad-data: RAN

- (15) L-għadd ta' sħubijiet stabbiliti bl-appoġġ tal-Fond li kkontribwew biex jittejjeb l-appoġġ lix-xhieda, lill-informaturi u lill-vittmi tal-kriminalità:
- (a) mas-settur privat;
 - (b) mas-soċjetà ċivili.

sors tad-data: l-Istati Membri, il-benefiċjarji tal-ġhotjiet ta' azzjoni tal-Unjoni jew tal-EMAS